**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 6 ta’ Ottubru, 2022**

**Rikors Numru 106/2021**

**Franz Josef Kremp**

**Vs**

**Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta’ Franz Josef Kremp ippreżentat fl-14 ta’ Ottubru, 2021, li permezz tiegħu ppremetta is-segwenti:-

1. *Illi dan huwa appell minn rifjut tat-Transfer of Residence Exemption Board għall-eżenzjoni ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta’ Malta u Regolament Numru 4 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.01 datata 23 ta’ Settembru 2021, kopja tad-deċiżjoni hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dok A’.*

2. *Illi l-appellant huwa ċittadin Ġermaniż u kien jokkupa l-kariga ta’ ambaxxatur tal-Ġermanja ġewwa Ċipru u kien ilu hekk jokkupa din il-kariga sa mis-sena 2017.*

3. *Illi fid-dawl tal-kariga okkupata minnu, l-appellant kien jirrisjedi ġewwa Ċipru u kien ilu hekk jirrisjedi sa mis-sena 2017, u dan kif joħroġ biċ-ċar mill-ittra hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dok B’, kif ukoll mill-karta tal-identita` diplomatika tal-appellant, kopja hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dok C’.*

4. *Illi l-karozza personali tal-appellant Audi Q2 kienet tintuża minnu ġewwa Ċipru u għalhekk kienet irreġistrata fuq ismu u ilha hekk reġistrata sa mis-sena 2017.*

5. *Illi l-appellant waqaf jokkupa tali kariga u ġie Malta sabiex jirtira hawnhekk.*

6. *Illi l-appellant xtaq li jġib il-karozza personali tiegħu Audi Q2 bin-numru tar-reġistrazzjoni MYN 194, minn Ċipru ġewwa Malta u għalhekk fid-dsatax (19) ta' Awwissu 2021, hekk kif dirett mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, huwa ssottometta applikazzjoni mal-istess Awtorita` sabiex jiġi eżentat minn ħlas ta' taxxa ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament Numru 4 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.01 ('Dok D').*

7. *Illi minkejja li l-appellant jissodisfa l-kriterji kollha sabiex jingħata l-eżenzjoni ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament Numru 4 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.01, huwa ma ngħatax l-imsemmija eżenzjoni.*

8. *Illi d-deċiżjoni appellata ttieħdet abbażi tal-allegazzjoni li l-appellant ma jissodisfax regolament 4(3)(a) u regolament 4(3)(d) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.01.*

9. *Illi l-esponent ħassu aggravat minn tali deċiżjoni u minnha qed jintavola dan l-umli appell.*

***<u>Applikazzjoni ħażina tal-liġi</u>***

1. *Illi l-aggravju tal-appellanti huwa ċar u manifest in kwantu l-Ministeru appellat għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi applikabbli fil-każ in eżami u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu hija żbaljata u nfondata fil-fatt u fid-dritt.*

2. *Illi r-regolament 4(3)(a) u r-regolament 4(3)(d) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.01 jistipulaw li:*

   *"Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) –*
   *(a) Hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jitrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurata jew miġjuba f'Malta;*

   *(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data;"*

3. *Illi joħroġ biċ-ċar li l-Ministeru appellat fid-deċiżjoni tiegħu, ma ħax konjizzjoni tal-fatti u għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi u dan għaliex fir-rigward ta' regolament 4(3)(a), joħroġ biċ-ċar illi l-appellant jissodisfa tali kriterju u dan għaliex qabel ġie Malta, huwa kien ilu jirrisjedi ġewwa Ċipru (u għalhekk barra minn Malta) sa mis-sena 2017 u l-imsemmija karozza*

*kienet ilha rreġistrata fuq ismu sa mill-istess sena, u għalhekk ċertament li jissodisfa l-kriterju ta' reġistrazzjoni fuq ismu għal erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment.*

4. *Illi in oltre, fir-rigward tar-regolament 4(3)(d) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.01, joħroġ biċ-ċar ukoll illi fid-dawl tad-data li fiha ġiet intavolata l-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell, l-appellant jissodisfa wkoll dan il-kriterju.*

5. *Illi l-appellant jissodisfa ir-rekwiżiti kollha stipulati mir-regolamenti hawn fuq ċitati u dan għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u ċioe` li l-vettura in kwisjtoni kienet ilha rreġstrata f'ismu għal iktar minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasfferiment u l-applikazzjoni saret fil-perjodu li jistipula r-reglament 4(3)(d) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja suriferita.*

*Għaldaqstant in vista tal-premess, l-esponent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jilqa' l-aggravju tiegħu u jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Ministeru appellat tat-23 ta' Settembru 2021 u konsegwentement jordna lill-appellat jagħti lill-appellant l-eżenzjoni kontemplata f'Regolament Numru 4 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.01.*

Ra illi l-**Ministeru tal-Finanzi** ppreżenta r-risposta tiegħu fil-21 ta' Ottubru, 2021, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi qabel xejn, isem l-esponent fl-okkju ġie miktub ħażin għaliex minflok 'Ministeru Għall-Finanzi u x-Xogħol' tniżżel bħala 'Ministeru Tal-Finanzi'. Jixraq għalhekk li l-appellant jitlob li jsiru t-tiswijiet meħtieġa skont l-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-aggravji tal-appellant huma infondanti kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kemm għar-raġunijiet li ser jiġu mogħtija f'din l-umli risposta kif ukoll minn dak li ser jirriżulta waqt it-trattazjoni tal-appell;*

3. *Illi ma huwa minnu xejn li l-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni (minn hawn il-quddiem imsejjaħ bħala l-'Bord') għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi meta għadda biex irrifjuta l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni, u b'hekk id-deċiżjoni tal-Bord kif ippublikata fit-23 ta' Settembru 2021 hija waħda siewja li m'għandiex tiġi mħassra;*

**4.** *Illi r-raġuni ewlenija għalfejn l-appellant ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti taħt* ***Regolament 4(3)(a) u Regolament 4(3)(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01,*** *hija prinċipalment għaliex f'dawn l-aħħar snin, ir-'residenza normali' tal-appellant kif imfissra fl-**artikolu 18(5) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta** (u kif applikabbli b'**Regolament 2** tal-istess **Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01)** kienet u baqgħet f'Malta;*

5. *Minn kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, 'l-irbit personali' tal-appellant f'dawn l-aħħar snin kien u baqa' f'Malta, u b'hekk irrelevanti mill-fatt li l-'irbit vokazzjonali' tal-istess appellant kien barra minn Malta u propju f'Ċipru ma wassalx lill-appellant sabiex jitqies li kellu r-'residenza normali' tiegħu f'Ċipru;*

6. *Illi marbut sfiq ma dak ġia eċċepit, 'ir-residenza normali' tal-appellant kienet diġà stabbilita f'Malta sa minn qabel id-data li fiha l-appellant xtara l-vettura suġġett tal-applikazzjoni in kwestjoni u b'hekk l-istess vettura ma setgħet qatt tkun ilha rreġistrata f'isem l-appellant għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar qabel ma trasferixxa r-residenza tiegħu f'Malta, u dan bi ksur ta' dak li jipprovdi* **Regolament 4(3)(a) tal-L.S. 368.01;**

7. *Illi b'żieda ma' dak ġia eċċepit, 'ir-residenza normali' tal-appellant kien ilha f'Malta sa aktar minn tnax il-xahar qabel id-data li fiha l-appellant issottometta l-applikazzjoni tiegħu għall-eżenzjoni in kwestjoni u konsegwentement l-appellant lanqas ma seta' jitqies li ssodisfa l-kriterju stabbilit taħt* **Regolament 4(3)(d) tal-istess L.S. 368.01;**

8. *Illi mhux biss li dan il-Bord qal kemm il-darba li r-rekwiżiti fil-***paragrafi (a) sa (f) taħt regolament 4(3) tal-L.S. 368.01** *huma kumulattivi u b'hekk jeħtieġ li llkoll jiġu sodisfatti kumulittivament, iżda talli l-liġi stess* ***f'paragrafu (a) ta' Regolament 4(4) tal-L.S. 368.01****, tipprovdi li: "L-eżenzjoni taħt is-subregola (1)* ***<u>m'għandhiex tingħata</u>*** *meta -(a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3)". Jiġi b'hekk, li ġialadarba l-Bord irriżultalu li kien hemm tnejn mir-rekwiżiti f'regolament 4(3) nieqsa, il-Bord kien ikun qed jaġixxi ultra vires li kieku kellu jilqa' l-applikazzjoni tal-appellant u japprova l-eżenzjoni;*

9. *Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord hija waħda korretta u m'għandiex tiġi mħassra kif mitlub mill-appellanti;*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponent jgħaddi biex jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad l-appell tal-appellant bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qiegħed jitlob li dan it-Tribunal iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni notifikata lilu b'ittra mibgħuta mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") fi ħdan il-Ministeru intimat datata 23 ta' Settembru, 2021, permezz ta' liema ġie mgħarraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Subsidiary Legislation 368.01 under rule 4 (3)(a) which stipulates that "it shall have been registered in the name of the individual transferring his normal residence for a period of at least twenty-four months immediately before the date of his transfer of residence to Malta and is still so registered when the vehicle is imported or brought into Malta;" and under 4 (3)(d) which stipulates that "the vehicle is declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date."*

Illi mix-xhieda ta' Michael Zammit Munro, *Chairperson* tal-Bord, jirriżulta li l-Bord irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent peress li qies li r-rikorrent ma kienx qiegħed jitrasferixxi r-residenza normali tiegħu peress li huwa diġa' kien meqjus li diġa' kellu r-residenza normali tiegħu f'Malta.

Ir-rikorrent xehed illi huwa kien diplomatiku Ġermaniż li serva bħala Ambaxxatur f'diversi pajjiżi, bl-aħħar *posting* ikun f'Ċipru. Jispjega li meta serva bħala Ambaxxatur f'Ċipru huwa kien resident fl-istess pajjiż u kien obbligat li jirrisjedi hemm. Spjega li għalkemm kellu permess ta' residenza Malti huwa kien jiġi biss għall-vaganzi. Ix-xhud spjega li meta Malta saret membru tal-Unjoni Ewropeja huwa kien intitolat li jikseb permess ta' residenza u għalhekk applika anke għaliex ċerti affarijiet, bħal ftuħ ta' kont bankarju, kien aktar faċli jekk ikollok dan il-permess.

Dr. Paul Micallef spjega li huwa miżżewweġ lir-rikorrent. Spjega li qabel ir-rikorrent ġab il-vettura in kwistjoni hawn Malta huma għamlu r-riċerka tagħhom dwar kif dan jista' jsir. Spjega li huma kienu jafu b'diplomatiku li kien qeda d-doveri tiegħu f'Iżrael u kien ġab il-vettura tiegħu lura Malta mingħajr ma ħallas taxxa ta' reġistrazzjoni.

Fir-rigward ta' emejl li kien irċieva mingħand is-Sur Munro fejn ġie mistoqsi fejn jikkunsidra li kien l-irbit personali tar-rikorrent, huwa wieġeb li filwaqt li kien informa lis-Sur Munro li l-irbit personali tar-rikorrent kien Malta, f'emejl sussegwenti kien ikkjarifika li minħabba n-natura tax-xogħol tiegħu, ir-rikorrent kien residenti f'diversi pajjiżi. Spjega li meta r-rikorrent kien Ambaxxatur fl-Olanda huwa kien jgħix miegħu hemmhekk, filwaqt li meta kien Ambaxxtur Ċipru kien qatta' ħafna ħin miegħu hemmhekk. Mistoqsi fejn jikkunsidra li qiegħda d-dar matrimonjali tiegħu u tar-rikorrent huwa spjega li huwa jħallas it-taxxa f'Malta pero` r-rikorrent iħallas it-taxxa l-Ġermanja u jaħdem il-Ġermanja. Għalhekk jispjega li ai fini ta' taxxa huwa meqjus li jgħix Malta. Mistoqsi jekk ir-rikorrent kienx qatt applika għal permess ta' residenza, ix-xhud wieġeb li bħala ċittadin tal-Unjoni Ewropeja, ir-rikorrent kien applika għall-ħabta tal-2011/2012, liema permess ġie mġedded u għadu validu sal-lum il-ġurnata.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-Ministeru intimat irrileva li isem il-Ministeru huwa "Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol". Illi fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2021 ir-rikorrent talab id-debita korrezzjoni, liema talba ġiet milqugħa. Kwindi l-ewwel eċċezzjoni ġiet sorvolata.

Illi l-pern ta' din il-kwistjoni ddur mal-indaġni jekk ir-rikorrent, fil-mument li applika għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni, kienx se jitrasferixxi r-"residenza normali" tiegħu f'Malta jew jekk kienx diġa' resident hawn Malta.

Illi din il-kwistjoni tat-trasferiment tar-residenza normali hija ta' importanza kruċjali sabiex jiġi verifikat jekk vettura tistax tiġi eżentata mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni. Di fatti biex vettura tiġi hekk eżentata huwa neċessarju li tissodisfa l-kriterji hekk kif stabbiliti f'Artikolu 19 (3) (f) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe`:

*(3) Il-vetturi bil-mutur li ġejjin għandhom, meta jiġu reġistrati mal-Awtorità, ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni:*

...

*(f) vettura bil-mutur M1 jew ċikletta li tkun il-proprjetà personali ta' individwu privat u li tkun qiegħda tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta, iżda l-eżenzjoni tingħata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika għal eżenzjoni bħal dik. L-imsemmija eżenzjoni tingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet magħmula mill-Ministru responsabbli għall-finanzi.*

In oltre, ai termini tar-Regolament 4 (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01:

*(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) –*

*(a) hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta;*

*(b) hija tkun ġiet akkwistata taħt il-kondizzjonijiet ġenerali tat-tassazzjoni li jkunu fis-seħħ fis-suq domestiku tal-Istat li minnu tkun qiegħda tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta, u ma tkunx soġġetta għall-fatt li tkun ser tiġi esportata għal xi eżenzjoni minn jew rifużjoni ta' dazju tas-sisa, taxxa ta' valur miżjud jew xi taxxa oħra ta' konsum;*

*(ċ) il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-eżenzjoni trid tkun ilha tgħix barra minn Malta għal perjodu kontinwu ta' għall-inqas erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data li fiha hija ma tibqax ikollha r-residenza normali tagħha barra minn Malta;*

*(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta umhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data;*

*(e) meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta u l-vettura tkun diġà waslet Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha f'Malta; u*

*(f) meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta u l-vettura tkun għadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tasal Malta.*

Illi kif ingħad iktar 'il fuq, il-pern tal-kwistjoni hija dwar il-fatt li skont il-Bord, wara li ra Artikolu 18 (5) tal-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta kien tal-fehma illi r-rikorrent ma setax jiġi kkunsidrat li kien qiegħed jitrasferixxi r-residenza normali tiegħu lejn Malta u dana peress li skont id-definizzjoni tal-istess artikolu huwa kellu l-irbit personali tiegħu hawn Malta u kwindi kien ikkunsidrat bħal diġa' resident normali hawn Malta.

Għall-aħjar intendiment it-Tribunal se jiċċita testwalment l-Artikolu 18 (5) fl-intier tiegħu, u ċioe`:

*(5) (a) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b), għall-finijiet ta' dan l-artikolu "residenza normali" tfisser il-post fejn persuna tgħix għallinqas 185 ġurnata f'kull sena, minħabba rbit personali u vokazzjonali, jew, fil-każ ta' persuna li ma għandha l-ebda rbit vokazzjonali, minħabba rbit personali.*

*(b) Meta l-irbit vokazzjonali ta' persuna jkun f'post differenti minn dak tal-irbit personali u għaldaqstant tgħix f'postijiet differenti wara xulxin li jkunu ġeografikament f'żewġ pajjiżi jew aktar, ir-residenza normali ta' dik il-persuna għandha titqies li tkun il-post tal-irbit personali tagħha, iżda sakemm dik il-persuna ma tkunx qed tgħix f'pajjiż ieħor sabiex twettaq xi xogħol ta' tul definit, dik il-persuna terġa'tmur lura hemm b'mod regolari.*

*(ċ) Persuna li tgħix f'pajjiż primarjament għall-għan biex tattendi skola jew università jew għal stabbiliment ieħor edukattiv jew vokazzjonali m'għandhiex tiġi meqjusa li għandha r-residenza normali tagħha f'dak il-pajjiż.*

*(d) Prova ta' residenza normali għandha tingħata mill-persuna li ser iġġib temporanjament f'Malta vettura bil-mutur, permezz ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, jew permezz ta' kontijiet ta' konsum ta' elettriku u ilma, jew dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-akkwist tal-proprjetà jew impjieg jew xi operazzjonijiet oħra mwettqa fil-kors tal-ħajja ta'kuljum, u xi dokumenti oħra validi li l-Awtorità tista'teħtieġ jew taċċetta.*

Illi t-Tribunal josserva illi n-nota marġinali ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta tindika "Vetturi bil-mutur li jiddaħħlu f'Malta temporanjament". Illi meta wieħed jaqra l-artikolu fl-intier tiegħu isib li, kif indikat fin-nota marġinali, dan l-artikolu jitratta dwar meta persuna tkun se ġġib vettura f'Malta b'mod temporanju u mhux li se titrasferixxi r-residenza tagħha hawn Malta b'mod permanenti. Illi kien fl-isfond tal-istess kundizzjonijiet elenkati fl-imsemmi artikolu li l-leġislatur ta definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi "residenza normali". L-istess definizzjoni bl-ebda mod ma ġiet reża applikabbli għall-kunċett ta' trasferiment ta' "residenza normali" fil-każ fejn persuna li tirrisjedi f'pajjiż terz tiġi biex tistabilixxi r-residenza normali tagħha hawn Malta.

Di fatti, jekk wieħed jara l-formula VEH07 li timtela mill-applikanti li jkunu qed japplikaw għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni, wieħed isib li fil-parti informattiva tagħha hemm indikat is-segwenti, u ċioe`:

*"transfer of residence" means the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta with the date being the date of issue of the Residence Document or the date as declared with the Commissioner for Revenue in the case of Maltese applicants.*

Din hija l-istess definizzjoni tat-terminu "trasferiment ta' residenza" li wieħed isib f'Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01. Fil-fatt f'din id-definizzjoni wieħed isib it-terminu "residenza ordinarja" u mhux "residenza normali" kif wieħed isib f'Artikolu 18 (5) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord applika disposizzjoni tal-liġi li ma tiċċentra xejn sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rikorrent ittrasferiex jew le ir-residenza ordinarja tiegħu lejn Malta.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, wara li kkunsidra l-fattispeċi ta' dan l-appell, u wara li ha in konsiderazzjoni n-natura tax-xogħol imwettaq mir-rikorrent qabel iddeċieda li jġib il-vettura li kellu Ċipru waqt li kien qiegħed jaqdi d-doveri tiegħu ta' Ambaxxatur għall-Ġermanja, huwa tal-fehma illi sakemm spiċċa mill-inkarigu assenjat lilu ġewwa Ċipru, huwa kien fil-fatt residenti ġewwa Ċipru. Minkejja li fil-passat huwa kien applika għal permess ta' residenza ġewwa Malta, u dan kif kellu kull dritt li jagħmel bħala ċittadin tal-Unjoni Ewropeja, huwa effettivament ma kellux ir-residenza ordinarja tiegħu ġewwa Malta. Kien biss wara li spiċċa mill-inkarigu ġewwa Ċipru li jista' jitqies li kien se jistabilixxi r-residenza ordinarja tiegħu ġewwa Malta.

Għaldaqstant it-Tribunal se jkun qiegħed jirrevoka d-deċiżjoni appellata sabiex il-Bord jevalwa mill-ġdid l-applikazzjoni tar-rikorrent abbażi tal-kunsiderazzjonijiet magħmula hawn fuq.

Illi finalment, però`, dan it-Tribunal ma jistax jilqa' dik il-parti tat-talba fejn ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jordna lill-Ministeru intimat jagħti l-eżenzjoni mitluba. Dan it-Tribunal m'għandu ebda kompetenza jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Bord. Din hija materja li hija riservata esklussivament għall-awtorita` kompetenti u dan it-Tribunal ma jistax jużurpa d-diskrezzjoni li għandu l-istess Bord.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi, billi filwaqt li jirrevoka d-deċiżjoni appellata, jiċħad it-talba sabiex jordna lill-Ministeru intimat jagħti lir-rikorrent l-eżenzjoni kontemplata f'artikolu 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01, u filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-Ministeru intimat, jiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet.

Bl-ispejjeż kontra l-Ministeru intimat.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**